# ID-DAWL

AWWISSU 2023
WWW.AHMADIYYA.MT
NUMRU 68

"U huwa Alla li jġiegħel lin-nies jidħku u jġagħalhom jibku."



Id-Divertiment | Il-Kuntentizza Vera | Dejjem Imbierka | Il-Midja Soċjali

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# ID-DIVERTIMENT

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Mal-bidu tas-sajf, il-kliem 'divertiment', 'pjaċir' jew 'ferħ' jinstema' ħafna fid-dinja kollha, inkluż fil-gżira maħbuba tagħna – Malta. Nies differenti għandhom tifsira differenti ta' x'inhu divertiment, pjaċir u sodisfazzjon; u għandhom metodi differenti ta' kif jiksbu d-divertiment u l-kuntentizza tagħhom. Uħud jaraw it-tazza nofsha mimlija, filwaqt li oħrajn jarawha nofsha vojta; uħud isibu l-kuntentizza billi jonfqu l-eluf f'xi kunċert, waqt li oħrajn isibu l-paċi billi jgħinu lill-proxxmu. Dan tabilħaqq huwa suġġett jaħraq.

Biex nieħdu pjaċir, ħafna ħarġiet, laqgħat, ikliet, u parties ma' kullimkien jiġu organizzati tul is-sajf. Barra minn hekk, isiru għadd ta' kunċerti mużikali, spettakli, festini marbuta mal-inbid, u serati ta' żfin, biex insemmu ftit minnhom, f'isem id-divertiment u l-pjaċir.

Għaldaqstant, x'inhi l-kuntentizza u xi tfisser li tkun ferħan? X'inhuma l-aqwa mezzi għad-divertiment, il-pjaċir u l-kuntentizza? Xi triq għandu wieħed jieħu biex jikseb sodisfazzjon dejjiem u veru tal-qalb u l-moħħ?

Dawn huma wħud mill-mistoqsijiet li jiġuna f'moħħna meta naħsbu dwar id-'divertiment'. F'din l-edizzjoni ta' **Id-Dawl**, se niddiskutu dwar x'inhu l-ferħ u kif nistgħu nkunu kuntenti.


## ID-DAWL

AWWISSU 2023 – Numru 68
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**


## INDEX


| | |
|---|---|
| Entertainment | 02 |
| What is happiness? | 03 |
| Islam & true happiness | 04 |
| Appreciation & gratitude | 05 |
| Forever blessed | 06 |
| Privacy & social media | 07 |



**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Shutova Elena | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# X'INHI L-KUNTENTIZZA?

Huwa fenomenu naturali li n-natura umana tkun tixtieq il-kuntentizza u s-serħan il-moħħ. Kull persuna – tkunx Ażjatika, Ewropea, Afrikana jew Amerikana – għandha għatx ġewwieni għall-ferħ. U meta nanalizzaw dan aktar fil-fond insibu li kull sforz uman iseħħ biex jinkisbu l-hena, il-kuntentizza u s-sodisfazzjon. Il-bniedem jinsab f'taqtigħa kontinwa biex isib il-vera tifsira tal-ħajja, l-għan ewlieni tal-ħajja, l-objettiv prinċipali tal-ħajja, u għalhekk joħloq ħafna miri u pjanijiet biex jikseb l-għanijiet tiegħu.

Wieħed jista' jargumenta li dan il-kunċett huwa għalkollox individwalistiku u soġġettiv għaliex il-kuntentizza tfisser affarijiet differenti għal kulħadd, kullimkien. Uħud jattribwixxu l-ferħ tagħhom għas-sens qawwi ta' komunità, uħud jgħożżu l-forom tradizzjonali tal-kant li jagħmluhom kuntenti, uħud isenslu l-ferħ tagħhom fuq l-infrastruttura, is-sapport qawwi soċjali, u apprezzament ġenwin għal-libertà individwali, filwaqt li oħrajn jassoċjaw il-kuntentizza tagħhom mal-fatt li jgħixu f'armonija u jkollhom apprezzament għall-ambjent naturali li jdawwarhom. It-twemmin reliġjuż u d-differenzi kulturali wkoll isawru l-fehim tagħna ta' x'inhu l-ferħ.


PiercarloAbate | Shutterstock

# L-IŻLAM U L-KUNTENTIZZA VERA

Aħna għandna t-tendenza li nfittxu l-kuntentizza f'affarijiet materjali, u ħafna drabi ninsew li l-ferħ veru u etern fis-sens wiesa' tiegħu jinsab biss fit-tfakkira u l-insegwiment ta' Alla tagħna kollu Grazzja u Mħabba, Alla l-Omnipotenti.

L-għan ewlieni tagħna – li bih jinkiseb il-vera ferħ – huwa li ngħixu ħajja mimlija intenzjonijiet tajba, mimlija onestà, u li nwettqu għemejjel li jogħġbu lil Alla, mhux biss biex ikollna ħajja ta' dejjem paċifika u ferħana iżda għaliex **"tassew, Alla jħobb lil dawk li jagħmlu t-tajjeb"**. (Il-Koran, 2:196)

## Kif nistgħu nsibu l-kuntentizza vera?

Alla jgħid fil-Koran Imqaddes (53:44): **"U huwa Alla li jġiegħel lin-nies jidħku u jġagħalhom jibku."** Dan ifisser li l-ferħ u l-kuntentizza jiġu minn Alla; jekk m'hemmx Alla, m'hemmx hena; m'hemmx raġuni għall-għajxien tagħna.

Dan huwa elaborat aktar billi:

**"Huwa fit-tfakkir ta' Alla
li l-qlub jistgħu jsibu l-faraġ."**
(13:29)

**"Għal dak li jibża' jieqaf quddiem il-Mulej
tiegħu hemm żewġ Ġonna."**
(55:57)

Dan ifisser li, dawk li jiżviluppaw ir-rabta ta' ħbiberija mal-Ħallieq tagħhom, dawn jiġu mwiegħda li se jkunu werrieta ta' kuntentizza ġenwina u dejjiema – li ma tkunx limitata għal din id-dinja biss, imma tkompli fil-ħajja li jmiss. F'dawn il-versi qed jingħad li l-insegwiment ta' għarfien spiritwali u valuri morali ogħla jagħti lill-bniedem kuntentizza perfetta u serħan il-moħħ kemm f'din id-dinja kif ukoll fil-ħajja eterna.


Odua Images | Shutterstock

## L-apprezzament u l-gratitudni

Aktar minn hekk, il-valuri tal-apprezzament u l-gratitudni, u li ngħożżu dak kollu li għandna wkoll iġibulna ħafna kuntentizza.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jgħid li fejn għandhom x'jaqsmu l-ħwejjeġ materjali aħjar inħarsu lejn dawk li jiġu taħtna, u mhux lejn dawk li qegħdin fuqna, għax hekk hemm aktar probabbiltà li ma nċekknux il-barkiet li Alla jitfa' fuqna.

Jiena tgħallimt dan il-prinċipju tad-deheb għal ħajja feliċi li, għandna nkunu grati ta' kulma għandna, u qatt ma naħsbu u ninkwetaw fuq dak li m'għandniex, jew li mhux fil-kapaċità tagħna; u dejjem inkunu sodisfatti bil-benedizzjonijiet ta' Alla.

Karatteristika oħra ta' ħajja sodisfaċenti hija s-sempliċità, għaliex ir-regħba u l-għira ma jġibux ħlief diżappunt, niket, tbatija, dwejjaq u dispramen.

# DEJJEM IMBIERKA

**Dawk li moħħhom fil-ħajja li jmiss huma dejjem imbierka.**




Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed[as], jgħid:

Jiena nosserva li, minkejja d-dehra ta' traġedja fuq oħra u l-apparizzjoni tal-periklu minn kullimkien, il-qlub tan-nies jibqgħu iebsa bħall-ġebel, u huma jibqgħu kburin u vanitużi. Kemm se jibqgħu dawn in-nies boloh ma jagħtu kas ta' xejn? Sakemm in-nies jibqgħu rashom iebsa, ma jiqfux mill-għemejjel ħżiena tagħhom, u ma jagħmlux paċi ma' Alla Omnipotenti, dawn it-traġedji u sofferenzi mhuma se jmorru mkien... bħalissa l-insolenza u t-tustaġni qabżu kull limitu. Jalla Alla jkollu ħniena minna!

Persuna għaqlija taħseb fil-kastig qabel ma jasal u persuna li tara fil-bogħod tibqa' thewden kif se ssalva n-nies minn xi traġedja qabel isseħħ.

**Huwa l-obbligu ta' kulħadd li jirrifletti dwar il-ħajja eterna u jindem mill-azzjonijiet ħżiena għaliex b'hekk jaslu l-kuntentizza u l-hena vera.** Hija ħaġa ċerta li l-ebda għemil żieni u l-ebda att ħajjen mhu se jagħti lill-persuna l-vera kuntentizza, lanqas għal mument. Persuna midinba bi mġiba malinna dejjem tkun beżgħana li s-sigrieti tagħha se jinkixfu. Kif mela persuna bħal din tista' ssib il-faraġ fl-għemejjel ħżiena?

**Dawk li tefgħu għajnejhom fuq l-eternità huma mberkin għal dejjem. Dawk li jżommu għajnejhom fuq l-eternità huma tabilħaqq fortunati.**

(*Malfużat* – Volum 1, p. 245-246)

# IL-PRIVATEZZA UMANA U L-MIDJA SOĊJALI


sdecoret | Shutterstock

Il-midja soċjali bla dubju ġabet rivoluzzjoni fil-mod kif nikkomunikaw u naqsmu l-informazzjoni. Dawn il-pjattaformi diġitali saru realtà ċerta fis-soċjetà tal-lum. Miljuni ta' nies madwar id-dinja jużaw b'mod effettiv dawn il-mezzi għal għanijiet differenti bħal komunikazzjoni, negozju, edukazzjoni u ħafna aktar. M'hemm l-ebda dubju li l-midja soċjali tħaddan ħafna aspetti pożittivi iżda d-danni tagħha wkoll huma enormi, bħall-impatt li tħalli fuq il-privatezza personali. Jidher li saret moda li nitfgħu kollox fuq il-midja soċjali, mingħajr ma nintebħu bil-ħsara li dan jista' joħloq. Għaldaqstant, irridu noqogħdu ħafna attenti meta nużaw il-midja soċjali u ma noqogħdux nitfgħu fuqhom informazzjoni personali jew sensittiva. Irridu noqogħdu attenti biex mhux nitfgħu kollox għad-dehra ta' kulħadd.

Fl-imgħoddi l-aħbarijiet, l-informazzjoni żbaljata, l-informazzjoni falza jew l-għajdut kienu jaslu għand ftit nies u għalhekk il-ħsara dak iż-żmien kienet tkun limitata. Madanakollu, illum, bil-miġja tal-midja soċjali, il-qlajjiet jinfirxu malajr u kullimkien.

Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, kemm-il darba tħaddet fuq dan is-suġġett. F'okkażjoni partikolari huwa qal li Alla Omnipotenti kien ipprojbixxa t-taħdit fil-vojt, it-tixrid ta' informazzjoni falza, u li wieħed jgħid kontra l-proxxmu. Huwa essenzjali li wieħed jitbiegħed minn dawn l-imġibiet ħżiena. Il-privatezza qed tiġi mhedda, u din il-ħsara qed isseħħ tort tal-azzjonijiet tan-nies stess. Għalhekk huwa importanti li wieħed joqgħod attent f'dawn iċ-ċirkostanzi. Huwa kruċjali li ngħallmu lil ta' madwarna, it-tfal, l-istudenti u l-aħwa dwar l-implikazzjonijiet negattivi ta' dawn l-azzjonijiet.

# FIL-QOSOR

## IS-SEJĦA LEJN ALLA

"Fuq Alla! Jekk Alla, bis-saħħa tiegħek, juri t-triq it-tajba lil raġel wieħed, dan ikun aħjar għalik mill-iġmla l-ħomor *(li jġibu prezz kbir)*."*

## IL-ĦLAS TAS-SEJĦA

"Min isejjaħ lil ħaddieħor lejn it-triq it-tajba, il-ħlas tiegħu jkun daqs il-ħlas ta' dawk li jimxu fuq is-sejħa tiegħu, filwaqt li xejn ma jitnaqqas mill-ħlas tagħhom. Iżda min isejjaħ għat-telfien, id-dnub tiegħu jkun daqs id-dnub ta' dawk li jimxu fuq is-sejħa tiegħu, filwaqt li xejn ma jitnaqqas mid-dnub tagħhom."*

## IL-QALB

"Oqogħdu attenti, għaliex fil-ġisem hemm organu li, jekk ikun b'saħħtu, ikun b'saħħtu l-ġisem kollu u, jekk jimrad, jimrad il-ġisem kollu. Dan l-organu huwa l-qalb!"*

## L-AGĦAR FESTA

"L-agħar festa ta' tieġ hija dik li għaliha jkunu mistednin l-għonja, u jitħallew barra l-foqra. Min ma jilqax l-istedina minn persuna umli minħabba s-suppervja tiegħu jkun qed joħodha kontra Alla u l-Profeta Tiegħu."*

(*Kliem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa])

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**